# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1381/00**

**Numru 44**

**Elmo Insurance Agency Ltd**

**vs**

**J & C Contracts Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba mija tlieta u ghoxrin liri Maltin hmistax il-centenzmu (Lm723.15,0) dovuta lis-socjeta' attrici mis-socjeta konvenuta bhala premium relattivament ghal poloz ta' assikurazzjoni mahruga favur tas-socjeta konvenuta mill-kumpanija attrici u dana skond id-Dok A anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2000 u bl-imghax tat-8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta’ Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm723.15,0 bl-imghax legali mill-4 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg